31981D0121

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-3 ta' Marzu 1981
dwar l-għoti ta' allowances ta' kuljum u r-rimbors ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, is-supplenti u l-esperti

(81/121/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda, b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi għandhom jiġu stabbiliti proċeduri dwar l-għoti ta' allowances ta' kuljum u għar-rimbors ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, kif ukoll tas-supplenti u l-esperti fis-sens tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tat-13 ta' Ġunju 1974 [1], kif emendati fit-22 ta' Lulju 1980 [2],

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, is-supplenti u l-esperti għandhom ikunu intitolati biex jirċievu *allowance* ta' kuljum għall-ġranet mogħddija f'laqgħat jew vjaġġi, kif għar-rimbors ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar f'konformità mad-disposizzjonijiet t'hawn taħt.

Artikolu 2

L-*allowance* ta' kuljum għal kull ġurnata ta' laqgħat għandu jkun ta':

— Bfrs 3 300 għall-membri,

— Bfrs 2 475 għas-supplenti u l-esperti.

Artikolu 3

1. Iż-żmien li għandu jkun ikkunsidrat għar-rimbors ta' ġranet ta' vvjaġġar għandu jkun stabbilit fuq rata fissa għal żjajjar bir-ritorn f'konformità mal-kalkoli li ġejjin:

— tliet kwarti ta' ġurnata għal distanza ta' aktar minn 100 kilometru sa massimu ta' 200 kilometru,

— ġurnata shiħa għal distanza ta' aktar minn 200 kilometru sa massimu ta' 500 kilometru,

— ġurnata u nofs għal distanza ta' aktar minn 500 kilometru sa massimu ta' 1 000 kilometru,

— jumejn għal distanza ta' aktar minn 1 000 kilometru.

2. Madankollu, iż-żmien ta' vjaġġar għandu jkompli jkun rimborsat bir-rati mħallsa taħt ir-regoli finanzjarji tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1981 sa ż-żmien li fih il-metodu ta' kalkolu deskritt fil-paragrafu 1 jippermetti li jintlaħaq l-istess livell ta' rimbors.

Artikolu 4

1. L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar għandhom jiġu rimborsati f'konformità mar-regoli finanzjarji tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1981, waqt li jkun mifhum ukoll li s-supplenti għandhom jirċievu l-istess trattament bħall-membri u l-esperti.

2. Madankollu, l-ivvjaġġar bl-ajru tal-membri, is-supplenti u l-esperti għandu jiġi rimborsat fuq il-bażi ta' noll ta' klassi ta' turist, ħlief fil-każ tal-president min-naħa l-waħda u tal-viċi-president min-naħa l-oħra, li jkunu fuq xi missjoni uffiċjali, li huma ntitolati għal rimbors tan-noll ta' l-ewwel klassi.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1981.

Magħmula fi Brussell, fit-3 ta' Marzu 1981.

Għall-Kunsill

Il-President

G. M. V. van AARDENNE

---

(1) ĠU No L 228, tad-19.8.1974, p. 1.
(2) ĠU No L 366, tal-31.12.1980, p. 30.